**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` April 2016**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Nru. 45/14 JZM**

**Jesmond Portelli (KI 253768M), u b`digriet moghti fit-13 ta` Novembru 2014 in-numru "253768M" gie mibdul ghal "259768M";**

**Nazzareno sive Rennie Portelli (KI 25571M);**

***kontra***

**Avukat Generali;**

**Alfred Pace (KI 1108044M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fis-16 ta` Gunju 2014 li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti huma ko-proprjetarji tal-fond 177, Zerafa Street, Marsa, li huma wirtu minghand pro-zijithom Maria Concetta armla minn Thomas Briffa, bint il-mejtin Michele Gatt u Giovanna nee` Bezzina, li kellha karta tal-identita` numru 0466420M, u li mietet l-Pieta` fit-18 ta` April, 2006 u dan skont certifkat tal-mewt numru 1339/06 hawn anness u mmarkat Dokument JP1.*

*2. Illi l-wirt tal-imsemmija Maria Concetta Briffa ddevolva fuq ir-rikorrenti f`isimha ndaqs bejniethom, skont testment tat-28 ta` Frar, 1989, fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri, hawn anness u mmarkat Dokument JP2, JP3 u JP4.*

*3. Illi b`dikjarazzjoni causa mortis tal-eredita` tal-mejta Maria Concetta Briffa, l-imsemmija proprjeta` giet dikjarata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan fl-atti tan-Nutar Andre Farrugia tat-28 ta` Settembru 2006, mir-rikorrenti li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JP5.*

*4. Illi b`kuntratt ta` enfitewsi temporanja tas-17 ta` Marzu,1966, fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JP6, Maria Concetta Briffa nee` Gatt, kienet tat b`titolu ta` koncessjoni enfitewtika ghal 17-il sena, l-fond 177, Zerafa Street, Marsa, taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha hemm stipulati, bic-cens annwu u temporanju ta` Lm40 ekwivalenti ghal €93.18 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem mill-1 ta` April, 1966.*

*5. Illi din il-koncessjoni enfitewtika temporanja kellha tiskadi fil-31 ta` Marzu 1983, pero` a tenur tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta ossija Artikolu 12(2)(b)(i) il-konvenut Alfred Pace kellu d-dritt jikkonverti b`titolu ta` kera l-enfitewsi li tkun ghadha kemm spiccat b`kera li jkun daqs ic-cens li kien jithallas minnufih qabel ma tkun ghalqet l-enfitewsi mizjud fil-bidu tal-kirja li jkun ammont mhux izjed minn dak ic-cens li kien jithallas lill-attrici li jirrapprezenta bi proporzjoni ghal dak ic-cens iz-zieda fl-inflazzjoni minn meta c-cens li ghandu jizdied gie stabbilit l-ahhar u hekk jerga jizdied kull 15-il sena sussegwenti sakemm tibqa` l-kirja favur l-istess konvenuti u/jew favur min ghandu d-dritt jiret il-kirja a tenur tal-istess ligi.*

*6. Illi r-rikorrenti b`rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera Nru : 98/2010 GG fil-kawza fl-ismijiet "Jesmond Portelli vs. Alfred Pace" deciza fil-5 ta` Mejju 2014, ittenta jizgombra l-intimat mill-fond in kwistjoni, pero` gie dikjarat minn dan il-Bord li l-fond in kwistjoni kien gawdut mill-intimat Pace bhala residenza ordinarja tieghu u dan kif jirrizulta mid-**Dokument JP7**.*

*7. Illi l-attur jippretendi illi huwa qieghed jigi mcahhad mit-tgawdija ta` hwejjgu u li l-kundizzjonijiet imposti mill-Artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta huma sproporzjonati ghall-ghanijiet tal-istess ligi.*

*8. Illi l-isproporzjon jikkonsisti fil-fatt li l-valur lokatizju tal-fond fit-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika temporanja ma kienx dak kif stabbilit fil-ligi imma ferm aktar.*

*9. Inoltre, giet imposta fuq l-atturi u l-antekawza taghhom Maria Concetta Briffa, relazzjoni gdida mal-inkwilin intimat Pace ghall-perijodu indefinit stante illi dan kellu jgi mgedded minn hmistax-il sena ghal hmistax-il sena, oltre li mhemmx rimedju effettiv biex tiehu lura l-pussess tal-fond jekk per ezempju ghandhom bzonn il-fond ghal uzu personali taghhom jew tal-qraba taghhom. Lanqas ma jezistu s-salvagwardi procedurali xierqa immirati li jinkisbu l-bilanc bejn l-interessi tal-kerrej u dawk tas-sid u hija remota ferm il-possibilita` li l-kerrej jittermina l-kirja volontarjament.*

*10. Illi inoltre kif jirrizulta mid-**Dokument JP8**, il-fond in kwistjoni ma kienx fond dekontrollat u ghalhekk l-unika mod kif huma u pro-zijithom Maria Concetta Briffa setghu isalvaw din il-proprjeta` mir-rekwizizzjoni u minn tehid furzat tal-proprjeta` mill-Gvern, kellhom per forza jaghtu l-istess proprjeta` taht koncessjoni enfitewtika temporanja ghax kieku m`ghamlux dan, kienu jidhlu in vigore d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza XVI tal-1944 ossija r-"Rent Restriction (Dwelling Houses) Ordinance 1944" fejn japplikaw il-principji ta` "fair rent".*

*11. Illi effettivament qabel ma dahlet fis-sehh l-Att XXIII tal-1979 wara l-iskadenza ta` koncessjoni enfitewtika temporanja l-intimat Pace kien ikun effettivament zgumbrat mill-fond in kwistjoni wara l-iskkadenza tal-koncessjoni enfitewtika temporanja.*

*12. Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrent u l-ante kawza taghhom, gew spossessati mid-dritt ta` uzu tal-proprjeta` taghhom, wara li skada t-terminu lokatizju u ghalhekk gew assoggettati ghal relazzjoni forzata ta` sid u inkwilin ghal perijodu indefinit u ghalhekk intilef il-bilanc bejn l-interessi tal-inkwilini u dawk tas-sidien `multo magis` meta l-kera stabbilita hija rrizorja.*

*13. Illi b`dan il-mod, ir-rikorrenti u l-ante kawza taghhom gew imcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, minghajr ma gew moghtija kumpens xieraq ghat-tehid tal-pussess tal-istess fond u nfatti l-unika kumpens li gie offrut kien li jithallas iz-zieda fir-rata tal-inflazzjoni pero` qatt iktar mid-doppju wara l-gheluq tal-perijodu tal-enfitewsi mill-1 ta` April 1983.*

*14. Illi fil-fatt, il-valur lokatizzju tal-istess fond, dak iz-zmien sia fl-1983, kif ukoll hmistax-il sena wara ossija fl-1998 u hmistax-il sena wara ossija fit-2013, kien ferm oghla minn dak moghti lilu bl-Att XXIII tal-1979 u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza.*

*15. Illi l-ligi imponiet illi l-kera fl-1983 kellha tkun EURO 186.34c waqt li fl-1998 il-kera li huma kienu jircievu kien jammonta ghal EURO 307.99 waqt li fl-2013 il-kera li qed jircievu huwa ta` EURO 435.68c, pero` effettivament, l-intimat jippretendi illi ghandu jhallas inqas minn dan l-ammont ossija €186.34 fis-sena u qed jiddepozita l-istess taht l-awtorita` ta` din il-Qorti.*

*16. Illi huwa ghalhekk huma gew privati mill-proprjeta` taghhom stante illi skont il-principji stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropea, l-principju tal-legalita` jippresupponi illi l-applikazzjoni tal-provedimenti tal-ligi domestika, ghandhom ikunu sufficjentement accessibbli, precizi u li wiehed ghandu jistenna fi stat demokratiku fl-applikazzjoni taghhom – vide* ***Broniowski vs. Poland*** *(GC) no. 31443/96, 147, ECHR 2004-V and Saliba vs. Malta, no. 4251/02, 31,8 November, 2005 u* ***Amato Gauci vs. Malta*** *– Applikazzjoni No. 47045/06 deciza fil-15 ta` Settembru, 2009.*

*17. Illi fic-cirkostanzi, meta l-ante-kawza tar-rikorrenti kien ftiehem fuq il-koncessjoni enfitewtika temporanja l-lokazzjoni lill-inkwilini intimati ma kinitx iktar deciza fuq kriterji ta` kondizzjonijiet gusti billi l-Kap 158 Artikolu 12 tal-istess ligi mponietilhom li jircievu kera rrizorja mhux skont is-suq u li ma tirriflettix il-valur lokatizju tal-fond, liema ligi ghalhekk ma krejatx bilanc tar-rekwizit tal-principju ta` proporzjonalita` u dan minkejja illi meta l-antekawza taghhom tat il-fond b`koncessjoni enfitewtika*

*temporanja, dan ghamlitu ghax gjaladarba l-fond ma kienx dekontrollat u lanqas ghamlitu ghax gjaladarba l-fond ma kienx dekontrollat u lanqas dekontrollabbli, kien l-unika mod kif hija ssalva l-proprjeta` taghha minn rekwizizzjoni u mill-applikazzjoni tal-`fair rent` ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1944.*

*18. Illi principju massimu li ghandu jigi segwit hu li l-individwu m`ghandux jigi assoggettat ghal legislazzjoni li ggib toqol u telf ezagerat ukoll fil-kumpens li ghandu jircievi ghat-tehid effettiv tal-proprjeta` tieghu kif gara f`dan il-kaz – vide Sporrong and Lonroth vs. Sweden (1982), 69-74 u Brumarescu vs. Romania (GC) no. 28342/95, 78, ECHR 1999-VII u Spadea and Scalabrino vs. Italy, deciza fit-28 ta` Settembru, 1995, 33, Series A no. 315 – B u Immobiliare Saffi vs. Italy (GC) no. 22774/93, 54, ECHR 1999-V and Broniowski- 151)*

*19. Illi konsegwentement a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, gjaladarba kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimati ghandhom ihallsu kumpens biex ikun hemm sodisfazzjon gust lir-rikorrenti ghal hsara minnhom sofferti u dan kif gie deciz mill-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta` Settembru 2012 fl-ismijiet "**Dr.Cedric Mifsud et vs Avukat Generali et**".*

*20. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma ntitolati ghal kumpens minhabba t-telf fil-kontroll, uzu u tgawdija tal-proprjeta` taghhom minn meta huma ma setghux jiehdu lura l-proprjeta` taghhom minhabba l-legislazzjoni ntavolata bl-Att XXIII tal-1979 u dan mill-1 ta` Settembru, 1984 – vide **Kingsley vs. The United Kingdom** (GC) no. 35605/97, 40, ECHR 2002-IV; **Runkee and White vs. The United Kingdom** – Nos. 42949/98 u 53134/99, 52, deciza fl-10 ta` Mejju, 2007; **Akkus vs. Turkey** – deciza fid-9 ta` Lulju, 1997, Reports 1997-IV, 35; **Romanchenko vs. Ukraine** – No. 5596/03, 22 ta` Novembru, 2005, 30, unpublished; **Prodan vs. Moldova** – No. 49806/99, 73, ECHR 2004-III (extracts); **Ghigo vs. Malta** – No. 31122/05, 20, deciza 17 ta` Lulju, 2008.*

*21. Illi r-rikorrenti jhossu illi fir-rigward taghhom gie miksur l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement ghandhom jithallsu kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante illi huma gew privati, minghajr ma nghataw kumpens gust ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom u cioe` tal-fond 177 Zerafa Street, Marsa minhabba d-*

*disposizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta, kif emendat bl-Att XXIII tal-1979.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu l-intimati ghaliex m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qeghdin jaghtu dritt ta` rilokazzjoni lill-intimat Pace il-fond 177 Zerafa Street, Marsa u jirrenduha impossibili lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjeta`.*

*2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi qed jigu vjolati d-drittijiet tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu il-fond 177 Zerafa Street, Marsa bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) u b`hekk taghtihom ir-rimedju li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni, anki l-izgumbrament mill-fond tal-intimat Pace.*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b`konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dak tal-inkwilin, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta` in kwistjoni ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*4. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta` Mejju 2014 numru 1617/2014 hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument JP9*** *u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mal-att promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fit-22 ta` Lulju 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi in succinct il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li qed jigi allegat li l-mod kif qed jigi operat l-artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 qed jilledi d-drittijiet fondamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta` kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kap 319 u konsegwentement qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimat l-iehor Alfred Pace u kumpens xieraq a tenur tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea ;*

*2. Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar `l isfel, l-ebda agir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti ;*

*3. Illi qed jigi umilment rilevat illi l-Att XXIII tal-1979, li bih gie introdott l-artikolu 12 tal-Kap 158, jikkostitwixxi ligi ad hoc li l-iskop indiskuss taghha kien illi fl-interess generali jizgura akkomodazzjoni ghal diversi persuni li effettivament kienu ser jigu zgumbrati minn djarhom, fi skala pjuttost konsiderevoli. Dan ifisser li tali artikolu tal-ligi ma jikkostitwix tehid forzuz tal-proprjeta` jew tehid obbligatorju izda kontroll ta` uzu ta` proprjeta` fil-parametri tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Illi sabiex wiehed jitkellem fuq tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi svestita minn kull dritt li ghandha fuq il-proprjeta`, meta fil-kaz odjern l-istat sempliciment irregolarizza sitwazzjoni socjali fl-ambitu tal-gid komuni, liema sitwazzjoni kienet inholqot sussegwentement ghall-interpretazzjonijiet tal-Qrati Maltin ghal Kap. 158 tal-igijiet ta` Malta, minghajr pero` ma ppregudika d-drittijiet tar-rikorrenti quo proprjetarji tal-fond de quo ;*

*4. Illi l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgha fl-apprezzament ta` htigijiet socjali tal-pajjiz u l-ghazla tal-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex jigu ndirizzati dawk il-htigijiet socjali, specjalment f`kazijiet fejn dawk il-mizuri huma tali li jikkontrollaw l-uzu tal-proprjeta` u mhux icahhdu lis-sid mill-proprjeta`. Tali diskrezzjoni m`ghandiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament minghajr bazi ragjonevoli ;*

*5. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost meta l-iskop pubbliku jkun wiehed socjali, il-valur li jigi pretiz minn sid il-fond bhala kumpens tal-uzu li qed isir mill-fond ma jistax jitkejjel mal-valur li l-fond igib fis-suq. Il-Qorti Ewropea stess fil-gurisprudenza taghha fosthom il-kaz ta`* ***Amato Gauci v. Malta*** *rrikonoxxiet li State control over level of rent falls into a sphere subject to a wide margin of appreciation by the State, and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable. Illi l-awment tal-kera kif kontemplat taht l-artikolu 12 jilhaq il-bilanc bejn l-interess generali u dak tal-privat ghaldaqstant mhux il-kaz li wiehed jitkellem fuq kumpens mhux xieraq (Philip Amato Gauci v. Avukat Generali et, Rik. Nru. 37/01FS, deciza fis-26 ta` Mejju 2006*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost anke jekk fil-kaz odjern jirrizulta li l-kera dovuta lir-rikorrenti hija inferjuri ghall-valur lokatizju fis-suq, dan it-tnaqqis huwa kontro-bilancjat bil-margini wiesgha tal-istat li jillegisla fil-kuntest ta` mizuri socjali ;*

*7. Illi jsegwi ghalhekk, fl-umli fehma tal-esponent, li fil-kaz odjern din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex tevalwa din il-ligi fil-kuntest principalment ta` spekulazzjoni tal-proprjeta` imma ghandha tiskrutinja u tapplika l-ligi fil-qafas aktar wiesgha u cioe` mill-aspett tal-proporzjonalita` fid-dawl tar-realta` ekonomika u socjali tal-pajjiz in generali ;*

*8. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fatt li qed jigi kontestat, l-esponent jirrileva li fic-cirkostanzi tal-kaz, dikjarazzjoni ta` ksur hija sufficjenti u ma hemmx lok ghar-rimedji ohra mitluba mir-rikorrenti ;*

*9. Illi jigi enfasizzat ukoll li fil-kazijiet* ***Amato Gauci v. Malta, Saliba v. Malta*** *u* ***Ghigo v. Malta*** *msemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur, il-Qorti Ewropea kienet waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm sproporzjonalita` u tqassim mhux xieraq tal-pizijiet u l-beneficcji biss f`dawk il-kazijiet u f`dawk ic-cirkostanzi partikolari u allura ma stabbilew ebda principju universali. Id-decizjonijiet ikkwotati mir-rikorrenti jikkostitwixxu stat biss fil-konfront tal-partijiet f`dawk il-kazijiet partikolari.*

*10. Illi mis-suespost isegwi li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Alfred Pace fl-24 ta` Lulju 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet maghmula fil-konfront tieghu permezz tar-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*2. Illi huwa qieghed jokkupa l-fond bin-numru mija sebgha u sebghin (177), Zerafa Street, Marsa taht titolu ta` kera valida fil-ligi, liema titolu ilu stabbilit sa mis-sena 1983 meta kien ghalaq il-perjodu ta` enfitewsi temporanja skont il-kuntratt datat is-17 ta` Marzu 1966 illi jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt, u kienet giet hekk konvertita l-enfitewsi temporanja hawn imsemmija f`titolu ta` kera ai termini tal-Artikolu 12 sub-inciz (2)(a) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Illi t-titolu lokatizju illi ilu snin twal igawdi l-esponent skont kif hawn premess kien dejjem rikonoxxut kemm mir-rikorrent u kif ukoll mill-antenata taghhom Maria Concetta Briffa. Dan jirrizulta b`mod mill-aktar evidenti mill-fatt illi l-esponent ilu snin ihallas il-kera direttament lir-rikorrenti nnifishom u qabilhom lill-imsemmija Maria Concetta Briffa – kollox kif ser jigi ampjament ippruvat matul it-trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Illi bl-ebda mod ma jissussisti l-allegat "toqol u telf esagerat" fil-kumpens dovut lir-rikorrenti illi ilhom snin twal jaccettaw il-pagamenti ta` kera minghand l-esponent propju fl-ammont su-riferit. Jigi nnutat illi l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti permezz tar-rikors promotur hekk tressqu quddiem din l-Onorabbli Qorti* ***wiehed u tletin sena (31)*** *wara illi sehhet il-konverzjoni minn enfitewsi temporanja ghall-kirja ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 skont kif hawn premess, f`liema perjodu dejjem thallsu dak lilhom dovut u dejjem accettaw l-istess hlas a sodisfazzjoni pien taghhom.*

*5. Illi tant huwa indisputabbli l-fatt illi r-rikorrenti kienu accettaw u rrikonoxxew it-titolu lokatizzju illi jgawdi l-esponent, illi l-istess rikorrenti sahansitra ssoggettaw ruhhom volontarjament ghall-gudizzju tal-Bord li Jirregola l-Kera fir-rigward tal-lokazzjoni fuq il-fond de quo – u dan billi hekk ressqu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fir-rigward tal-imsemmi talba sabiex l-esponent jigi zgumbrat mill-fond stante bdil fid-destinazzjoni tal-istess (Rikors Numru 98/2010GG), proceduri li ntemmu qabel dawn il-proceduri odjerni u li r-rikorrenti tilfu, b`dan illi gie anke kkonfermat illi l-esponent qieghed fil-fatt jokkupa l-fond in kwistjoni b`titolu lokatizzju validu u legali, ma gietx appellata mir-rikorrenti hawn imsemmija.*

*6. Illi filwaqt illi fis-sentenza su-riferita kien gie wkoll ikkonfermat illi l-fond numru mija sebgha u sebghin (177), Zerafa Street, Marsa, huwa primarjament utilizzat mill-esponent ghal skop residenzjali, jigi nnutat illi r-rikorrenti* ***qatt ma ntavolaw kawza appozita sabiex isir xi aggustament fil-kera illi kien qieghed ihallas l-esponent****. Jinghad illi fil-mori tal-proceduri su-riferiti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera r-rikorrenti kienu ziedu mat-talba originali minnhom imressqa, b`dan illi talbu awment fil-era a tenur tal-Artikolu 1531(D) tal-Kodici Civili illi jirregola l-kirja ta` proprjeta` uzata ghal skopijiet kummercjali – talba illi hekk kif osserva l-Bord hija evidentement kontradittorja mat-talba originali bbazata fuq bdil fid-destinazzjoni minn fond kummercjali ghal fond residenzjali.*

*7. Illi l-azzjoni odjerna hija legalment insostenibbli wkoll, stante illi r-rikorrenti qeghdin jilmentaw mil-lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom in kwantu t-tehid tal-proprjeta` lilhom appartenenti minghajr kumpens xieraq – u dan ghaliex il-kera stabbilita hija allegatament `rrizorja` – propju* ***qabel ma gew ezawriti mill-istess rikorrenti dawk ir-rimedji kollha lilhom akkordati bil-ligi f`dan ir-rigward, fejn kieku riedu, setghu juzufruwixxu ruhom mill-fakolta` lilhom moghtija bil-Kap 159 tal-Ligijiet ta` Malta u jitolbu lill-Bord appositu illi tigi determinata kera xierqa u giusta – haga li r-rikorrenti qatt ma ttentaw jaghmlu****.*

*8. Illi* ***minghajr pregudizzju*** *jinkombi fuq ir-rikorrenti sabiex jippruvaw il-valur lokatizzju relattiv ghall-fond mertu tal-kawza odjerna, liema valur huwa essenzjali sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddetermina fiex jikkonsisti "kumpens xieraq" f`dan ir-rigward.*

*9. Illi tul is-snin illi l-esponent ilu jirrisjedi b`mod permanenti fil-fond in kwistjoni taht titolu lokatizzju skont kif hawn premess, l-istess esponent wettaq benefikati sostanzjali fl-istess fond illi ghandhom jigu kkunsidrati minn din l-Onorabbli Qorti fil-kalkoli taghha in kwantu kumpens, u dan ukoll kif ser jigi ben ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.*

*10. Illi wkoll* ***minghajr pregudizzju****, u biss fil-kaz illi kellha tiddikjara din l-Oorabbli Qorti illi fic-cirkostanzi tal-kaz odjern il-provvedimenti tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, jinghad illi l-esponent mhux responsabbli ghall-kontenut tal-provvediment hawn citat. Jigi reiterat illi l-istess esponent qieghed jokkupa fond in kwistjoni b`titolu validu skont il-ligi hawn citata. Ma jistax u ma ghandux l-esponent jigi mghobbi bl-effetti tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti meta huwa f`ebda mument ma agixxa barra l-parametri tal-ligi in kwistjoni. Ghalhekk fil-kaz u fl-aghar ipotesi illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha illi jissussisti fil-fatt xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, certament ma ghandhiex tigi applikata s-sanzjoni drastika tal-izgumbrament fil-konfront tal-esponent u lanqas xi rimedju pekunjarju illi l-esponent ikun responsabbli ghalih.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat Alfred Pace.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2014 fejn hatret lill-Perit Mario Cassar bhala perit tekniku sabiex jistma l-valur lokatizju tal-fond 177, Zerafa Street, Marsa, b`effett mill-31 ta` Marzu 1983 (data tal-gheluq tal-koncessjoni enfitewtika) sas-16 ta` Gunju 2014 (data tal-presentata ta` din il-kawza).

Semghet ix-xiehda tal-intimat Alfred Pace u ta` Louis Sammut fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2015 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-nota li pprezentaw ir-rikorrenti fis-16 ta` Frar 2015.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku fit-2 ta` Marzu 2015 u li l-kontenut taghha kkonferma bil-gurament fl-udjenza tas-16 ta` Marzu 2015.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-perit tekniku fl-udjenza tat-30 ta` April 2015.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

### 1) Xhieda

**L-intimat Alfred Pace** xehed illi l-post in kwistjoni ilu ghandu skont il-kuntratt tal-1996. Dahal fil-post bhala kerrej. Beda jhallas lil Concetta Briffa. Meta zzewget ghat-tieni darba, qalbet kollox fuq r-ragel, u meta dan miet kollox mar lura fuqha. Fil-mument illi c-cens qaleb ghal kera, Concetta Briffa kienet ghadha hajja. Ipprezenta erba` libretti tac-cens u tal-kera : Dok AP1 sa Dok AP4. L-ewwel ricevuta hija datata 1 ta` Lulju 1966, u l-firma hija ta` Concetta Gatt ; Gatt huwa kunjom Concetta Briffa meta kienet xebba. Ighid illi huwa Huwa qatt ma kellu problema dwar dan il-post sakemm ma ma waslux l-eredi tal-istess Concetta Briffa. Infatti din baqghet tiehu l-kera sakemm mietet fit-13 ta` April 2006. Wara l-mewt taghha, mar ghandu missier ir-rikorrenti, u qallu sabiex jibda jhallas l-kera lilu, u hekk ghamel. Ir-rikorrenti accettaw li jithallsu l-kera darba fis-sena minflok kull tliet xhur.

In segwitu r-rikorrenti ghamlu kawza ghaliex allegaw illi l-post qed jintuza bhala hanut tal-merca. Il-kawza kienet deciza favur tieghu u ma kienx hemm appell. Sostna li qatt ma saru proceduri fil-Qorti sabiex tizdied il-kera. Ikkonferma li l-post huwa d-dar ta`r-residenza tieghu. Fil-**kontroezami**, l-intimat xehed illi l-kuntratt originali kien ta` cens ghal sbatax-il sena. Wara li ghalaq ic-cens, sar kera u beda jhallas id-doppju ta` li kien ihallas bhala cens.

**Louis Sammut** xehed illi huwa joqghod 165, Triq Stefano Zerafa, Marsa, li jigi sitt bibien boghod mir-residenza tal-intimat Alfred Pace li hija 177, Triq Stefano Zerafa, Marsa. Fil-fond in kwistjoni, Alfred Pace ighix mal-familja tieghu.

**2) Ir-relazzjoni tal-perit tekniku**

Skont il-perit tekniku, il-valur fis-suq tal-fond de quo huwa ta` € 58,000.

Skont il-perit tekniku, il-valur lokatizju tal-fond ikkalkolat bir-rata ta` 3% fis-sena kien jammonta ghal €1,740 fis-sena fl-2013.

Bejn l-1983 sa l-1987, il-valur lokatizju kull sena kien ta` €95.
Bejn l-1988 sa 1992, kien €120 kull sena.
Bejn 1993 sa l-1997, kien €175 kull sena.
Bejn l-1998 sa l-2002, kien €540 kull sena.
Bejn l-2002 sal-2007, kien €1,220 kull sena
Bejn l-2008 sal-2012, kien €1,670 kull sena.

**3) L-eskussjoni tal-perit tekniku**

Il-perit tekniku kien mistoqsi jekk il-formula li ghamel uzu minnha sabiex jasal ghall-valur lokatizzju kenitx adoperata *across the board.* Il-Perit Cassar wiegeb illi huwa kellu tabella li kien hareg il-Bank Centrali ta` Malta li tistabilixxi l-valur lokatizju ta` residenzi bejn l-1991 sal-2013. Huwa mar aktar lura u ghamel il-kalkoli tieghu. It-tabella tal-Bank Centrali ta` Malta m`ghandhiex taqsam mal-Indici tal-Inflazzjoni skont il-Kap 158. Sabiex jasal ghall-valur lokatizzju, huwa jistabilixxi l-ewwel il-valur fis-suq tal-fond. Jekk il-fond ikun residenzjali, allura hemm certi kriterji, li jridu jittiehdu in

konsiderazzjoni bhar-risk factor ta` 1%, l-bonds ta` dak z-zmien u l-interessi tal-banek. Ghall-prezent huwa hadem bir-rata ta` 3.5% ghall-kalkolu tal-valur lokatizju skont linji gwida tal-Kamra tal-Periti Il-linji gwida huma determinati fuq l-esperjenza ta` periti fil-prattika li jqisu wkoll il-valur fis-suq. Jekk *estate agent* jitlob parir ta` perit ghandu jasal ghall-istess konkluzjoni tieghu.

## III. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

### 1) <u>L-Avukat Generali</u>

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi minhabba l-Art 12(2) tal-Kap 158, huma kellhom jidhlu f`kirja ta` bilfors mal-intimat Pace, minghajr id-dritt li jiehdu lura l-fond ghall-uzu taghhom, u minghajr ma hadu kumpens.

Sabiex ikun hemm ksur tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni, huma rikjesti tliet elementi :-

i) tehid forzuz tal-proprjeta ;
ii) il-kumpens offrut irid ikun wiehed mhux xieraq ; u
iii) il-mankanza ta` access lill-qrati u anke nuqqas ta` dritt ta` appell.

(ara : "**<u>Philip Amato Gauci vs Avukat Generali</u>**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta` Mejju 2006).

Kuntrarjament ghall-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, l-Art 37 tal-Kostituzzjoni jitkellem biss dwar tehid ta` pussess forzat. ("**<u>Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa</u>**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 2001).

Diversi huma s-sentenzi tal-qrati taghna li jghidu li l-art 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss meta jkun hemm tehid totali tal-proprjeta u mhux meta jkun hemm indhil, kontroll jew limitazzjoni fl-uzu tal-proprjeta` (fosthom : "**<u>Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent et</u>**" - Qorti Kostituzzjonali ; 25 ta` Frar 2011 ; "**<u>Josephine Bugeja et vs Avukat Generali</u>**" - Qorti Kostituzzjonali - 7 ta` Dicembru 2009 ; u "**<u>Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) - 11 ta` Ottobru 2011.

Ghalhekk sabiex ikun hemm t-tehid forzuz prospettat mill-Art 37, wiehed ghandu jara jekk il-gid ittehidx b`mod li s-sid originali gie zvestit minn kull dritt li ghandu fuq dik il-proprjeta. F`dan il-kaz, ghalkemm ir-rikorrenti jridu joqghod ghal kirja, xorta baqghu sidien tal-proprjeta u ghalhekk ma jistghux jghidu li kien hemm tehid ta` proprjeta. Il-protezzjoni li jaghti l-Kap 158, tikkostitwixxi kontroll fl-uzu u fit-tgawdija tal-propjeta`, ma twassalx ghal cahda totali tad-dritt fuq il-proprjeta.

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti ma jaqax fil-parametri tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni.

Ghar-rigward tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, l-Avukat Generali jirrileva tlieta huma l-elementi li ghandhom jirrizultaw :-

i) in linea generali li kulhadd ghandu jirrispetta d-dritt ta` propjeta ta` haddiehor ;
ii) il-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti ; u
iii) l-Istat ghandu l-poter li jirregola l-uzu tal-beni in konformita tal-interess generali.

(ara : "**<u>Carmelo Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` Settembru 2009).

L-Avukat Generali ttratta l-iskop ghala sar il-Kap 158.

Tenut kont tal-gurisprudenza tal-ECHR, l-Avukat Generali rrileva illi (i) il-mizura li ha l-Istat tkun saret f`qafas legali ; (ii) l-iskop tal-mizura kien ghal ghan legittimu ; u (iii) il-mizura zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fondamentali tas-sidien.

Dwar l-ewwel element, l-Avukat Generali jirrileva illi l-mizuri kollha saru b`ligi.

Dwar it-tieni element, jinghad illi l-Istat huwa fil-liberta` li jekk huwa mehtieg jghaddi ligijiet biex jikkontrollaw l-uzu tal-proprjeta ghall-interess generali. Ghalhekk dak li wiehed irid jara huwa jekk il-Kap 158 taqax fil-

kategorija ta` ligijiet li jaqdu l-interess generali. Il-ligijiet dwar il-kontroll ta` uzu tal-proprjeta fil-qasam tal-akkomodazzjoni socjali huma permissibli (ara : "**James and Others vs United Kingdom**" deciza fil-21 ta` Frar 1986 ; u "**Mellacher and Others vs Austria**" deciza fid-19 ta` Dicembru 1989). L-Istat ghandu margini wiesgha ta` diskrezzjoni sabiex jiddetermina x`inhu l-interess pubbliku u x`mezzi ghandu jadopera biex jassigura li kulhadd ikollu ghejxien u akkomodazzjoni xierqa. Fil-kaz tal-lum, l-Art 12 tal-Kap 158 huwa mahsub sabiex jintlahaq l-iskop li jkun hemm provvista u tqassim xieraq ta` akkomodazzjoni ghal min huwa nieqes minnha minhabba ragunijiet finanzjarji u socjali. L-Istat huwa gustifikat fit-twettieq ta` mizuri bhal dawk kontemplati bil-Kap 158 fl-interess generali.

Dwar it-tielet element, l-Avukat Generali jesprimi l-fehma illi r-rikorrenti ma wrewx b`mod sodisfacjenti li garrbu xi piz eccessiv u sproporzjonat minhabba l-ammont ta` kera li qeghdin jippercepixxu. Il-ligi ma tistax tigi applikata fil-kuntest biss ta` spekulazzjoni ta` proprjeta, imma ghandha tigi applikata fil-qafas aktar wiesgha senjtament l-aspett tal-proporzjonalita, fl-isfonf tar-realta` ekonomika u socjali tal-pajjiz. in generali.

Dwar r-rimedju l-Avukat Generali jsostni illi wiehed ma ghandu qatt ipoggi fuq l-istess keffa l-valur tal-proprjeta fis-suq hieles ma` dak li wiehed ghandu jhallas fil-kuntest tas-social housing (ara : "**Montanaro Gauci et vs Direttur ta` l-Akkomodazzjoni Socjali**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Novembru 2011 ; "**Apap Bologna vs Ciantar et"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-24 ta` Frar 2012 ; u "**Cassar vs Direttur ta` l-Akkomodazzjoni Socjali**" deciza fit-12 ta` Lulju 2011).

L-Avukat Generali jirrespingi l-pretensjoni tar-rikorrenti li l-Qorti ghandha tordna l-izgumbrament tal-intimat Alfred Pace (ara : "**Gatt vs Avukat Generali"** deciza ill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` Lulju 2011). Jekk persuna tokkupa fond b`sahha ta` ligi, ir-rimedju ma jistax ikun l-izgumbrament.

**2) Alfred Pace**

Jirreferi ghall-provi.

Skont kuntratt tas-17 ta` Marzu 1966 fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt, Maria Concetta Briffa tat lil Alfred Pace il-fond de quo b`cens ghal 17 il-sena b`canone ta` Lm 40 fis-sena. Il-post dejjem intuza minn Alfred Pace bhala r-residenza ordinarja tieghu. L-enfitewsi ghalqet fil-31 ta` Marzu 1983. *Ope legis* senjatament l-Art 12(2)(a) tal-Kap 158 it-titolu sar dak ta` kera. Alfred Pace beda jhallas kera ta` €186.43 fis-sena bhala kera lil Maria Concetta Briffa li dejjem accettat l-kera. Erba` snin wara l-mewt ta` Maria Concetta Briffa, ir-rikorrenti (eredi taghha) bdew jirrifjutaw l-kera. Fil-5 ta` Awissu 2010, ir-rikorrent Jesmond Portelli ittenta proceduri ghar-ripreza tal-fond fuq il-pretensjoni ta` bdil fid-destinazzjoni tal-fond. It-talba kienet respinta.

Alfred Pace jikkontendi li t-talbiet tar-rikorrenti huma ntempestivi u insostenibbli ghaliex ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji kollha.

Isostni li r-rikorrenti qatt ma ressqu talba ghall-aggustament tal-kera. Mhux accettabbli li tigi ntavolata kawza bbazata fuq allegat ksur ta` drittijiet fondamentali minhabba diskrepanza li tezisti bejn l-valur lokatizju u l-kera attwalment mhallsa, meta lanqas sar tentattiv mis-sidien sabiex jaggustaw il-kera attwali (ara : "**Sonia Zammit vs Ministru ghal Politika Socjali et**" deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Frar 2006 ; "**Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et**" deciza minn din il-Qorti fl-14 ta` Frar 2002 ; u "**Claudine Desira vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta` Settembru 2012).

Ghalhekk il-Qorti ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha illi tiddeklina milli tisma` dan il-procediment.

Dwar l-Art 37 tal-Kostituzzjoni, Alfred Pace jirrileva illi d-disposizzjoni tittratta biss it-tehid ta` proprjeta. Ghalkemm ir-rikorrenti jsostnu illi bl-Art 12 tal-Kap 158 huwa mpossibli ghalihom li jiehdu lura l-pussess tal-proprjeta, Alfred Pace jirreferi ghad-decizjoni ta` din il-qorti tal-11 ta` Frar 2015 fil-kawza "**Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et**" li ssostni l-posizzjoni tieghu.

Ghalhekk ighid li l-ewwel talba ghandha tkun respinta.

Jishaq fuq il-fatt illi kemm Concetta Briffa kif ukoll r-rikorrenti damu s-snin jaccettaw l-kera minghandu u cioe` bejn l-1983 u l-2009 (ara : "**Albert Cassar et vs il-Prim Ministru et**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22

ta` Frar 2013 ; u "**Louis Apap Bologna vs Calcidon Ciantar et**" deciza fl-24 ta` Frar 2012).

Alfred Pace jikkontendi illi anke li kieku l-Qorti kellha ssib li kien hemm vjolazzjoni, huwa ma jista` qatt ikun responsabbli ghall-istess, ghaliex b`ebda mod m`ghandu jerfa` r-responabilita ghall-hlas ta` kumpens jew addirittura igarrab zgumbrament, ghaliex huwa agixxa dejjem fl-ambitu tal-ligi. Cittadin m`ghandu qatt jigi penalizzat jekk ikun qed jinqeda minn drittijiet lilu akkkordati bil-ligi. Jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta` Dicembru 2012 fil-kawza "**Angela sive Gina Balzan vs Onorevoli Prim Ministru**".

## IV. Is-seba` eccezzjoni ta` l-intimat Alfred Pace

Alfred Pace jeccepixxi illi din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tal-istanza tar-rikorrenti billi fil-fehma tieghu ma kienux ezawriti r-rimedji ordinarji li kellhom meta naqsu milli jintavolaw il-procediment opportun quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex tigi determinata kera xierqa u gusta.

Proprju dwar dan l-punt, kien deciz hekk mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Marzu 2015 fil-kawza "**Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et**" :-

*Dwar il-materja ta` awment fil-kera u n-nuqqas tal-applikanti li jirrikorru quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, il-Qorti Ewropeja fil-kawza Ghigo v. Malta [Appl. 31122/05 –para.66] osservat :*

*"It is true that the Government reproached the applicant for his failure to institute proceedings before the Rent Regulation Board to fix a fair rent for the premises.... However it has not been shown by any concrete examples from domestic law and practice that this remedy would have been an effective one."*

*40. Apparti dan, din il-Qorti tosserva li l-anqas l-emendi ghal Kodici Civili li sehhew bl-Att tas-sena 2009 ma jistghu jitqiesu bhala li jaghtu rimedju effettiv ghal-lanjanzi tar-rikorrenti, kemm ghax tezisti diskrepanza enormi bejn l- awment fil-kera kontemplat fl-Artikolu 1531C u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq hieles, kif ukoll ghax id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1531F, fic-cirkostanzi tal-kaz, jaghmlu remota l-possibilita` li dawn jipprendu l-pussess tal-fond taghhom.*

*41. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hija tal-fehema li, kunsidrati l-*

*fattispeci tal-kaz, ma jistax validament jinghad li r-rikorrenti kellhom rimedju potenzjalment effettiv u adegwat ghal-lanjanzi taghhom, u fic-cirkostanzi tal- kaz il-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali taghhom jimmeritaw li jigu ezaminati u decizi mill-qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali. Din il-konkluzjoni ssib sostenn legali fil-gurisprudenza interpretattiva li titratta dwar l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kontemplata fl-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u 4[2] tal- Konvenzjoni.*

*42. Hekk per ezempju jinsab ritenut li :*

*" ... tali setgha ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il- Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz." [Q.Kos David Axiak vs Awtorita` Tat-Trasport Pubbliku, deciz 14 ta` Mejju 2004] ;*

*" ... Il-mezz [irid] ikun tali li wiehed jista` ragjonevolment – tenut kont tac- cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jsta` jkun hemm ezitu favorevoli" [Q.Kost. Salvatore Abdilla vs Onor.Seg.Parlamentari Ambjent, deciz 30 ta` Mejju 2003]."*

**Anke abbazi ta` dan il-pronunzjament, il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta` Alfred Pace u taghzel li tisma` u tiddeciedi l-lanjanza tar-rikorrenti fil-mertu taghha.**

## V. <u>Il-mertu</u>

Fis-sostanza, ir-rikorrenti jilmentaw illi bl-Art 12 tal-Kap 158 kienu mcahhda mit-tgawdija ta` l-propjeta` taghhom anke minhabba sproporzjon.

Skont ir-rikorrenti dan l-isproporzjon jikkonsisti mill-fatt li l-valur lokatizju tal-fond de quo meta giet terminata l-enfitewsi temporanja ma kienx dak stabbilit fil-ligi, izda ferm aktar.

Isostnu wkoll illi kienet imposta fuqhom relazzjoni guridika gdida.

Ighidu inoltre li ma hemmx rimedju effettiv biex jiehdu lura l-post.

**<u>Il-fatti</u> :**

Jirrizulta li fis-17 ta` Marzu 1966, sar kuntratt ta` enfitewsi fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Gatt bejn Maria Concetta Briffa u Alfred Pace. Kien kuntratt ta` cens temporanju ghal 17 il-sena b`canone ta` Lm 40 fis-sena. Sa mill-bidu l-fond baqa` jintuza minn Alfred Pace bhala residenza ordinarja tieghu. Meta ghalaq ic-cens fil-31 ta` Marzu 1983, it-titolu li kellu Alfred Pace kien ikkonvertit ghal kera bis-sahha tal-Art 12(2)(a) tal-Kap 158. Bhala kerrej, Alfred Pace beda jhallas lil Maria Concetta Briffa kera ta` €186.43 fis-sena. Sal-mewt taghha, is-sid dejjem accettat il-kera. Anke r-rikorrenti, bhala eredi taghha, sa erba` snin wara l-mewt taghha, accettaw il-kera. In segwitu bdew jirrifjutaw il-kera. Fil-5 ta` Awissu 2010, ir-rikorrent Jesmond Portelliipprezenta kawza sabiex jittenta jirriprendi l-pussess tal-fond fuq allegat bdil fid-destinazzjoni tieghu. Talab ukoll awment fil-kera skont l-Art 1531(D) tal-Kodici Civili. B`sentenza tal-5 ta` Mejju 2014, it-talba kienet michuda.

Dwar l-Art 12 tal-Kap 158, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta` Dicembru 2009 fil-kawza "**<u>Josephine Bugeja et vs Avukat Generali</u>**" qalet hekk –

*Apparti minn hekk, il-provvedimenti tal-ligi enuncjati fl-Artikolu 12 tal-Kap.158 gew diversi drabi meqjusa mill- Qorti ta` Strasbourg bhala control of use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No.1. L-ahhar pronunzjament f`dan is-sens inghata proprju ftit taz-zmien ilu fis-sentenza **Amato Gauci v. Malta** Application No. 47045/06, deciza fil-15 ta` Settembru 2009. Decizjoni simili kienet inghatat ukoll mill- Kummissjoni fil-proceduri fl-ismijiet **Zammit and Others v. Malta** Application No. 16756/90. Ghalkemm l-imsemmija decizjonijiet inghataw f`kazijiet fejn it-tiolu ta` enfitewsi temporanja gie konvertit f`titolu ta` kera, din il- Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill- kunsiderazzjoni generali li l-Artikolu 12 imsemmi jipprovdi ghal kontroll ta` uzu ta` proprjeta`.*

Dwar l-applikazzjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni, l-istess Qorti qalet hekk :–

*41. F`dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Galea v. Giuseppe Briffa** Rikors Nru. 303/90 deciza minn din il-Qorti fit-30 ta` Novembru 2001, citata wkoll mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. F`dik is-sentenza, wara osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet*

*profondi u dettaljati in materia (osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li mhux ser jergghu jigu hawn riportati in quanto già riportati in extenso mill-ewwel Qorti fis- sentenza appellata) din il-Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni li jista` allura b`logika jigi arguwit illi l-artikolu 37 jitkellem car u tond fuq cahda tal-proprjetà jew id-dritt fuqha minghajr kumpens xieraq. Ifisser dan li ghandek vjolazzjoni jekk ghandek privazzjoni totali tal-proprjetà jew xi jedd fuqha minghajr l-ebda kumpens jew ahjar minghajr kumpens li ma jkunx xieraq. Din il-konkluzjoni hi wkoll suffragata mill-kumplament tal-artikolu 37 li proprju jipprovdi li dan il-kumpens kellu jigi stabbilit mill-ligi u li l- kwantifikazzjoni tieghu kellha tkun soggetta ghall-iskrutinju ta` Qorti b`kompetenza li tinvesti tali mertu biex tassigura l- gustizzja tal-kumpens. Hi allura l-fehma ta` din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta` tehid ta` proprjetà jew ta` jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta` limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjetà. Limitazzjoni li tista` tkun koperta bl-artikolu 1 tal- Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni imma li ma jidhirx li tista` tigi inkwadrata fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

**Ghal din il-Qorti huwa evidenti illi tal-lum huwa kaz ta` kontroll ta` uzu ta` proprjeta. Ghalhekk jaqa` barra mill-parametri tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti illi l-Art 12(2) tal-Kap 158 huwa lesiv tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni qieghed jigi michud.**

**<u>L-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl- interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta` proprjetà skond l- interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

Fis-sentenza li tat fis-7 ta` Dicembru 2012 fil-kawza "**<u>Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*Ezaminata din il-kwistjoni, din il-Qorti rat li l-posizzjoni li din il-Qorti u l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem hadu fil-kuntest tal-emendi fil-ligi tal-kera li dahlu fis-sehh fl-1979, ma kienx li tiddikjara l-*

*emendi anti- kostituzzjonali, peress li hu fis-setgha tal-Gvern li jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` fl-interess generali, u allura li tipprovdi, per ezempju, ghall-konverzjoni ta` titolu ta` emfitewsi temporanju fuq fond okkupat bhala residenza ghal titolu ta` emfitewsi perpetwa jew titolu ta` kera, jaqa` f`din is-setgha tal-Gvern biex jassigura postijiet bizzejjed ghall-abitazzjoni tan-nies; il-legislazzjoni ut sic ma tistax, allura, titqies li tivvjola d-drittijiet fundamentali ta` sidien dawk il-fondi.*

*L-Istat ghandu f`kazijiet bhal dawn margini wiesgha ta` diskrezzjoni billi hu ghandu taghrif dirett tas-socjeta` u l- bzonnijiet taghha, u ghalhekk bhala principju hu f`posizzjoni ahjar biex jiddetermina x`inhu fl-interess pubbliku u x`mezzi jadopera biex jassigura li kulhadd ikollu ghejxien u akkomodazzjoni xierqa. Fis-sentenza Ghigo v. Malta, deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-26 ta` Settembru, 2006, ikkonfermat l-iskop socjali f`legislazzjonijiet li jolqtu materja ta` housing. Hi qalet hekk :*

*"In the present case, the Court can accept the Government`s argument that the requisition and the rent control were aimed at ensuring the just distribution and use of housing resources in a country where land available for construction could not meet the demand. These measures, implemented with a view to securing the social protection of tenants were also aimed at preventing homelessness, as well as at protecting the dignity of poorly-off tenants."*

*Il-Gvern irid jara, pero`, li din il-legislazzjoni fl-interess generali tac-cittadin ma tohloqx piz zejjed fuq sid partikolari ghax dan, bhala s-sid tal-proprjeta`, ghandu dritt ghall-kumpens gust ghall-uzu socjali li l-Gvern irid jaghmel mill-proprjeta` tieghu. Hu obbligu tal-Gvern li johloq bilanc gust bejn l-interess tac-cittadin li jkollu fejn jghammar, u l-interess tas-sid li jiehu gwadan gust mill- proprjeta` tieghu. Jekk il-Gvern sejjer hu jimponi residenza go fond, irid johloq mekkanizmu biex jara` li l- interess tas-sid ma jkunx ippregjudikat.*

*Dan hu s-sens tad-decizjoni fil-kaz <u>Amato Gauci v. Malta</u>, deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta` Settembru, 2009, meta osservat li fejn l-istat johloq sistema ta` "forced landlord – tenant relationship for an indefinate time", irid jigi assigurat li lis-sid jinghata kumpens li mhux "manifestly unreasonable", kumpens li mhux necessarjament ikun daqs dak li joffri s-suq, imma lanqas ma ghandu jwassal li jaghti lis-sid "only a minimal profit".*

*F`dan il-kaz, il-mekkanizmu li holoq il-Gvern iwassal ghall- kumpens li hu ferm `il boghod mill-kumpens li tkun intitolata ghalih ir-rikorrenti kieku thalliet tpoggi l- appartament taghha ghal kera fis-suq. Kwindi, il-*

*mekkanizmu li holoq il-Gvern, f`dan il-kaz, falla u ma tax rizultat li jirrispekja d-dritt ta` proprjeta` tar-rikorrenti. Hekk kif il-Gvern ghandu dritt jespropria art fl-interess pubbliku, basta joffri kumpens gust ghal dak it-tehid, hekk ukoll jekk, fl-interess nazzjonali, ihoss li jrid jintervjeni fl-uzu li jsir minn proprjeta` ta` terzi, irid jara li c-cittadin privat ma jigix ippregjudikat, u li jinghata kumpens xieraq ghall-uzu impost. L-aspett socjali ta` ligi trid tigi evalwata mill- Gvern, u sta ghall-Gvern jara li ligi, applikabbli ergo omnes, twassal ghal-konsegwenzi mixtieqa, pero`, fejn se jigu aggevolati klassi ta` persuni f`sitwazzjoni partikolari, il- Gvern irid jara Ii ma tbatix klassi ohra ta` cittadin, u hawn il-htiega ta` bilanc gust.*

*Jinkombi fuq il-Gvern li johloq mekkanizmu li f`kull kaz iwassal ghal bilanc gust, u ghall-fini ta` dan il-kaz, din il- Qorti tara li l-Gvern ma pprovdix ghas-sitwazzjoni fejn il- kumpens ikun baxx wisq, u lanqas ghas-sitwazzjoni fejn l- okkupant, li jrid jipprevalixxi ruhu mil-ligi, ikun hu sid ta` proprjeta` ohra.*

…

*Fil-mekkanizmu li holoq il-Gvern ma hemm ebda "safeguard" kontra dawn l-ingustizzji, u jhalli lil sid il-fond ibati l-konsegwenzi ta` dawn ir-rizultanzi. Dan mhux gust, u jwassal lir-rikorrenti ssofri lezjoni fid-dritt taghha ta` proprjeta` kif protett fl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

Il-Qorti tikkondividi l-fehma ta` l-intimati illi dak tal-lum mhuwiex kaz ta` tehid ta` proprjeta izda ta` kontroll ta` uzu tal-proprjeta.

Infatti r-rikorrenti baqghu s-sidien tal-proprjeta` u ghandhom il-reali ta` sidien. Ghalhekk mhuwiex kaz ta` tehid forzuz ta` propjeta`.

Madankollu, ghalkemm baqghu sidien, u ghalkemm fil-konfront tal-intimat Pace bhala kerrej ghandhom il-jeddijiet ta` sidien tal-kera, l-uzu li jistghu jaghmlu mill-proprjeta huwa kkontrollat ghaliex huma marbutin li jaghrfu d-drittijiet tal-kerrej. Li kieku ma kienx fis-sehh il-Kap 158, is-sidien kienu jkunu liberi li jiehdu lura l-fond minghajr irbit u jiddisponu minnu kif jidhrilhom, inkluz illi jaghtuh b`kera skont ir-rata tas-suq.

Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk il-kera li ghandhom jircievu r-rikorrenti minghand l-intimat Alfred Pace bhala effett tal-applikazzjoni ta` l-Art 12 tal-Kap 12 huwiex kumpens xieraq u proporzjonat bizzejjed sabiex

ipatti ghall-fatt illi *ope legis* ir-rikorrenti kienu prekluzi fl-gheluq ta` l-kuntratt tac-cens milli jiehdu lura l-fond de quo sabiex jiddisponu minnu kif jidhrilhom.

Skont il-libretti tar-ricevuti esebiti, jirrizulta li bejn l-4 ta` Novembru 1966 u l-31 ta` Marzu 1983, thallsu Lm 40 fis-sena. Bejn l-1 ta` April 1983 u t-30 ta` Gunju 2010 thallsu Lm 80 (jew €186.34) fis-sena. Bejn l-1 ta` Lulju 2010 u t-30 ta` Gunju 2011, thallsu €219.22. Jidher illi r-rikorrenti riedu jzidu l-kera ghal €257.91 ghas-sena ta` wara. Minflok hallas dak l-ammont, Alfred Pace ddepozita l-kera ta` €186.34 that l-awtorita` ta` l-Qorti (Dok AP1).

Inoltre l-Qorti tinsab edotta mill-prova kostitwita mill-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku.

Ghalkemm huwa minnu li l-kumpens mhux bilfors ghandu jkun jigi rikavat fis-suq hieles, ghaliex jista` jkun li legittimament l-interess generali jkun jesigi legittimu illi min ma jiflahx ihallas kera daqskemm ikun qed jintalab fis-suq hieles ghandu jkollu ukoll isib fejn joqghod, il-htiega tal-proporzjonalita` titlob illi ma jkunx hemm differenza daqstant qawwija u kbira bejn il-kera permessa mil-ligi u dik rikavata fis-suq hieles. Fil-kaz tal-lum, tirrizulta disparita` qawwija.

**Ghal din il-Qorti l-Art 12(2) tal-Kap 158 kif applikat ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz in ezami ma jharisx il-kriterju tal-proporjonalita` u tat-tqassim xieraq ta` pizijiet u beneficcji kif irid l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk fil-kaz tal-lum, il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni.**

Fl-ewwel domanda taghhom, ir-rikorrenti qieghed jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti illi bl-applikazzjoni tal-Art 12 tal-Kap 158 huwa mpossibbli ghalihom li jirriprendu l-pussess tal-proprjeta`.

Din il-Qorti ma taqbilx.

Id-disposizzjonijiet il-godda tal-Kap 16 senjatament l-Art 1531B u 1531F tal-Kap 16 jaghtu rimedju.

**Ghall-vjolazzjoni, ir-rikorrenti talbu l-izgumbrament tal-intimat Alfred Pace mill-fond de quo kif ukoll kumpens.**

**<u>L-izgumbrament</u>**

Filwaqt li taghmel riferenza ghas-sentenza fil-kawza "**<u>Josephine Bugeja et vs Avukat Generali</u>**" (op. cit.) din il-Qorti teskludi li l-izgumbrament ghandu jkun ir-rimedju ghar-rikorrenti.

Huwa dmir tal-Istat li jsib bilanc bejn interessi differenti. Jekk ma jkunx hemm dan il-bilanc, allura hemm in-nuqqas ikun tal-Istat. Ta` dan l-Istat ghandu jbati l-konsegwenzi. Fl-istess waqt ghan-nuqqas tal-Istat m`ghandux ibati c-cittadin. Fil-kaz tal-lum, mhumiex il-passi li ha l-Istat fl-interess generali li huma karenti izda li huwa l-mekkanizmu li holoq l-Istat biex igib il-bilanc.

**<u>Il-kumpens</u>**

Il-kumpens li jinghata bhala *just satisfaction* skont il-Konvenzjoni mhuwiex l-istess bhad-danni civili li huma risarcibbli fil-procediment ordinarju (ara : "**<u>Anthony Mifsud vs Supt. Carmelo Bonello et</u>**" : Qorti Kostituzzjonali : 18 ta` Settembru 2009).

**Ghalhekk filwaqt illi qeghda tirrespingi l-pretensjoni tar-rikorrenti ghal risarciment ta` danni, hija tal-fehma li r-rikorrenti haqqhom kumpens ghall-vjolazzjoni riskontrata tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. Meta hadet kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz in esami, il-Qorti qeghda tillikwida dan il-kumpens fl-ammont ta` <u>€16,000</u>.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eccezzjonijiet tal-intimati billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Riferibbilment ghas-seba` eccezzjoni tal-intimat Alfred Pace, tiddikjara u tiddeciedi illi mhuwiex desiderabbli li hija tirrifjuta milli tezercita s-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha billi mhijiex sodisfatta illi r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ta` rimedju skont il-ligi ordinarja.**

**Tichad l-ewwel talba kif dedotta.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tiddikjara u tiddeciedi illi bl-applikazzjoni tal-Art 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta ghall-fattispeci tal-kaz in ezami, ir-rikorrenti ma garrbu l-ebda vjolazzjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta fir-rigward tal-fond 177, Triq Stefano Zerafa, Marsa.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tiddikjara u tiddeciedi illi bl-applikazzjoni tal-Art 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta ghall-fattispeci tal-kaz in ezami, ir-rikorrenti garrbu vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom fir-rigward tal-fond 177, Triq Stefano Zerafa, Marsa, hekk kif id-drittijiet taghhom huma mharsa bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li taghmel parti mil-ligi ta` Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandhom jedd ghal rimedju, liema rimedju pero` m`ghandux ikun l-izgumbrament tal-intimat Alfred Pace mill-fond 177 Zerafa Street, Marsa.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandhom jedd ghal kumpens ghall-vjolazzjoni subita fuq riferita, izda mhux ghal risarciment ta` danni.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tillikwida l-kumpens dovut ghall-vjolazzjoni subita fuq riferita fl-ammont komplessiv ta` sittax-il elf Ewro (€16,000).**

**Riferibbilment ghall-hames talba, tordna lill-Avukat Generali sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta` sittax-il elf Ewro (€16,000) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Riferibbilment ukoll ghall-hames talba, tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Alfred Pace m`ghandu jhallas l-ebda kumpens lir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni subita fuq riferita.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lill-intimat Avukat Generali sabiex ihallas l-ispejjez tal-perit tekniku, tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom, u tordna lill-intimat Avukat Generali sabiex ihallas l-ispejjez l-ohra tieghu, kif ukoll l-ispejjez tal-intimat Alfred Pace.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**